## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **789/2021 (AD)**

## JEAN PIERRE VAILLANCOURT CASSAR (KI 185794M)

**VS**

## ANDREAS BUHAGIAR (KI 256093M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sittax (16) ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali sabiex tiġi ordnata r-reġistrazzjoni tat-trasferiment u/jew *scrapping* ta' vettura mixtrija mill-konvenut Andreas Buhagiar mingħand ir-rikorrent Jean Pierre Vaillancourt Cassar;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar id-disgħa (9) t'Awwissu 2021, **Jean Pierre Vaillancourt Cassar** bil-ġurament tiegħu ppremetta:

a. *Illi nhar id-19 ta' Marzu 2021, l-esponent biegħ il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF-391 tat-tip Mazda 6 Estate lill-konvenut, li jeżerċita l-kummerċ bħala negozjant tal-karozzi mil-lokal "One Stop Auto Dealer", Triq l-Imdina, Ħal Qormi;*

b. *Illi fil-jum imsemmi, wara li rċieva l-ħlas, l-esponent għadda l-pussess liberu tal-vettura msemmija flimkien maċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ossija logbook debitament iffirmat lill-konvenut bl-intiża ċara u l-ftehim li l-istess konvenut kellu jieħu ħsieb jirreġistra t-trasferiment tal-vettura mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;*

c. *Illi minkejja li ġie interpellat diversi drabi, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 964/2021 li ġiet debitament notifikata lilu fis-6 ta' Mejju 2021, bl-akbar mala fede il-konvenut baqa' inadempjenti u ma rreġistrax it-trasferiment;*

d. *Illi di piu', fit-12 ta' Mejju 2021, il-vettura de quo inkorriet kontravvenzjoni tat-traffiku numru 011-18248-2, liema kontravvenzjoni nħarġet awtomatikament fuq isem l-esponent, fatt li jindika li r-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-vettura de quo baqa ma saritx;*

e. *Illi l-esponent irid u għandu interess li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF-391 tat-tip Mazda 6 Estate ma tibqax tgħajjat lilu;*

f. *Illi f'tali ċirkostanzi, l-esponent ma kellu l-ebda triq oħra għajr li jibda dawn il-proċeduri sabiex jittutela l-pożizzjoni legali tiegħu;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

*(i)* *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut aċċetta u ħa r-responsabbilita' tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF-391 tat-tip Mazda 6 Estate mingħand ir-rikorrent;*

*(ii)* *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligazzjoni assunta minnu li jirreġistra t-trasferiment u/jew*

*scrapping*[1] *tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF-391 tat-tip Mazda 6 Estate f'ismu mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;*

*(iii) Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-Qorti huwa jaddivjeni għat-trasferiment u/jew scrapping*[1] *tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF-391 tat-tip Mazda 6 Estate f'ismu;*

*(iv) Taħtar kuratur sabiex kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jaddivjeni għat-trasferiment u/jew scrapping*[1] *tal-vettura msemmija fit-terminu prefiss minn din il-Qorti, il-kuratur ikun ordnat sabiex jagħmel it-trasferiment u/jew scrapping*[1] *tal-vettura msemmija f'isem il-kovenut huwa stess, u dan taħt l-awtorita' u d-direzzjoni ta' din il-Qorti;*

*(v) Jekk ikun il-każ, tagħti kull ordni, struzzjoni jew komunika neċessarja u opportuna sabiex il-vettura in kwistjoni tkun tista' tiġi uffiċjalment distrutta ossija scrapped.*[2]

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 964/2021, kontra l-konvenut;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, tnax (12) t'Ottubru 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenut, illi ngħata għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilu tal-istess, sabiex jirrispondi skont il-liġi;

5. Rat in-nota tal-**Awtorita' għat-Trasport f'Malta** datata għoxrin (20) ta' Settembru 2021, illi permezz tagħha din il-Qorti ġiet informata illi l-Awtorita' ħadet konjizzjoni tar-Rikors Ġuramentat illi permezz tiegħu ġiet intavolata l-kawża odjerna;

[1] Il-kliem *"u/jew scrapping"* ġew miżjuda b'digriet tas-17 t'Ottubru 2023
[2] Talba miżjuda b'digriet tas-17 t'Ottubru 2023

6. B’risposta ġuramentata datata tmienja u għoxrin (28) ta’ Jannar 2022, il-konvenut **<u>Andreas Buhagiar</u>** eċċepixxa:

   a. *Illi in linea preliminari, l-intimat Andreas Buhagiar mhux leġittimu kuntradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-kawża ma jistax ikollha eżitu pożittiv u ma tistax tkun eżegwibbli u dan kif ser ikun ippruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta’ din il-kawża;*

   b. *Illi l-konvenut qiegħed fl-impossibilita’ li jagħmel dak mitlub minnu permezz tar-rikors ġuramentat stante li minkejja li huwa minnu li l-istess Andreas Buhagiar xtara vettura mingħand l-attur, huwa kien għadda din l-istess vettura in kwistjoni lil terza persuna u kwindi t-talbiet magħmula fir-rikors promotur ma jistgħux japplikaw fil-konfront tiegħu;*

   c. *Illi l-konvenut hawn esponent kien ittrasferixxa l-vettura in kwistjoni lil ċertu Vincent Cucciardi li għandu jkun kjamat fil-proċeduri odjerni.*

   *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

   Bl-ispejjeż.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat disgħa (9) t’Awwissu 2021 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) kopja taċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-vettura ECF-391 (**Dok A** a fol 4-5 tal-proċess); (b) rapport NPS 2/C/875/2021 (**Dok B** a fol 6-7 tal-proċess); (c) ittra uffiċjali numru 964/2021 (**Dok C** a fol 8 tal-proċess); (d) taħrika dwar il-kontravvenzjoni numru 011-18248-2 (**Dok D** a fol 9 tal-proċess); u (e) l-affidavit tar-rikorrent (**Dok E** a fol 10 tal-proċess) u numru ta’ *screenshots* mill-app *Messenger* annessi miegħu a fol 11 *et seq* tal-proċess;

8. Reġgħet rat in-nota tal-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta datata għoxrin (20) ta’ Settembru 2021;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut datata tmienja u għoxrin (28) ta’ Jannar 2022;

10. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tar-rikorrent waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta’ Marzu 2022[3];

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-konvenut prodott mill-attur in subizzjoni waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta’ Mejju 2022[4];

12. Rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta’ Lulju 2022 illi permezz tiegħu laqgħet it-talba għal differiment għal probabbli ċessjoni tal-kawża;

13. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta’ **PC 1375 Brandon Gilford** prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t’Ottubru 2022[5], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok BG1** u **Dok BG2** (a fol 55 *et seq* u 58 *et seq* tal-proċess rispettivament);

14. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta’ **Dr Christopher Spiteri** in rappreżentanza tal-**Awtorita’ għat-Trasport f’Malta**[6], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok CS1** (a fol 66-67 tal-proċess);

15. Rat illi, waqt is-seduta tat-tnax (12) ta’ Lulju 2022, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq;

16. Wara illi l-konvenut u l-legali tiegħu naqsu milli jattendu għal erba’ seduti konsekuttivi[7], u wara illi l-istess konvenut ngħata l-opportunita’ illi jressaq il-provi tiegħu iżda naqas milli saħansitra jattendi għall-istess seduta, din il-Qorti għaddiet sabiex tiddikjara l-provi tal-konvenut bħala magħluqa waqt

---

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 40 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 44 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 53 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 63 *et seq* tal-proċess
[7] Vide verbali a fol 49, 52, 62 u 68 tal-proċess

is-seduta tal-għoxrin (20) ta' Jannar 2023[8] fit-termini tal-Artikolu 201 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2023, a fol 70 *et seq* tal-proċess;

18. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2023 preżentat fit-termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex temenda t-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat, liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2023 stante illi l-kawża kienet tinsab differita għas-sentenza u ma kienet saret ebda talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

19. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat tlieta (3) t'April 2023 preżentat fit-termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi permezz tiegħu din il-Qorti intalbet tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, kif ukoll sabiex tordna l-emenda tat-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tar-rikors ġuramentat, b'dana illi jiżdiedu l-kliem *"u/jew scrapping"* wara l-kliem *"trasferiment"*, u ż-żieda ta' talba oħra. Din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza b'digriet tal-ħamsa (5) t'April 2023, u laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-emenda u żieda fit-talbiet permezz ta' digriet tas-sbatax (17) t'Ottubru 2023, wara illi l-konvenut naqas milli jippreżenta risposta għar-rikors tar-rikorrent;

20. Rat illi l-intimat naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, minkejja illi ġie lilu konċess terminu sabiex fih jagħmel dan;

21. Rat illi l-kawża baqgħet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

22. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

[8] Vide verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2023, a fol 68 tal-proċess

**(a) <u>Eċċezzjoni dwar Leġittimu Kontradittur</u>**

23. Din il-Qorti sejra l-ewwelnett tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut illi huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur;

24. Hekk kif ġie rilevat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***[9]:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux*

[9] Ċit Nru 1365/92, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2001. Vide wkoll, *inter alia,* Rik Ġur 1233/2012, ***Keith Catania et vs Jean Pierre Debattista et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), STO Prim Imħallef M Chetcuti, 29 t'April 2021 (in ġudikat); Rik Nru 177/2014, ***Elton Taliana vs Onor Min għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali et***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Lulju 2020; u Rik Nru 252/2017, ***Carmelo sive Charles Bianco et vs Jeremy James Camilleri***, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ R Montebello, 8 t'Ottubru 2020 (in ġudikat)

*eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet atrtiċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontrtadittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontrtadittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

25. Il-konvenut isostni fir-risposta tiegħu illi huwa kien ittrasferixxa l-vettura in kwistjoni lil ċertu Vincent Cucciardi, u l-Qorti m'għandha l-ebda alternattiva ħlief illi tippreżumi (u dan stante illi l-konvenut la ressaq provi u lanqas nota ta' sottomissjonijiet illi fihom issostanzja l-eċċezzjoni minnu sollevata) illi din hija r-raġuni għalfejn huwa qiegħed jeċċepixxi illi mhux il-leġittimu kontradittur. Dan jikkonfermah ukoll bil-ġurament tiegħu meta jixhed in subizzjoni[10]:

| | |
|---|---|
| *Xhud* | *Inbiegħet lil wieħed minn Ħal Qormi ma nafx x'jismu eżatt.* |
| *Dr Felice* | *Jista' jkun jismu Vincent Cucciardi?* |
| *Xhud* | *Dak hu iva.* |

26. Madanakollu:

[10] Vide traskrizzjoni tax-xhieda ta' Andreas Buhagiar in subizzjoni, mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2022, a fol 47 tal-proċess

i. Jirriżulta ben pruvat illi l-vettura oriġinarjament ġiet akkwistata mill-konvenut mingħand ir-rikorrent, saħansitra b'ammissjoni tal-konvenut stess[11];

ii. Ix-xhud jgħid illi l-vettura reġa' xtraha hu u qiegħed ggaraxxjata fil-pussess tiegħu: *"Inbiegħet il-karozza, kellu jdur it-transfer, ma dawruhiliex,* ***issa erġajt xtrajt il-karozza, tfajtha għandi ġo garaxx****"*[12];

iii. Jgħid ukoll illi jekk ir-rikorrenti jgħaddilu *log book* ġdid, lest idawwar il-karozza fuq ismu u jiskreppjaha[13];

27. Din il-Qorti għalhekk m'għandha ebda ombra ta' dubbju illi l-konvenut huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, u qiegħda għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.

**(b) <u>Eċċezzjoni dwar Kjamat in Kawża</u>**

28. Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi illi Vincent Cucciardi għandu jiġi kjamat fil-proċeduri odjerni, bħala l-persuna illi akkwistat il-vettura mingħand il-konvenut;

29. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Markeżino Anthony Cremona Barbaro vs Dr Albert Cilia Vincenti***[14]:

> *L-istitut tal-kjamat fil-kawża huwa kkontemplat fl-artikoli 961 u 962 tal-Kap 12. Hu jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali prinċipalment (a) dik li jintegra ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi uħud minnhom jitħallew barra; u (b) dik li jissalvagwarda*

[11] A fol 44 tal-proċess
[12] A fol 45 tal-proċess
[13] A fol 48 tal-proċess
[14] Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Valenzia, 14 ta' Lulju 1997 (Vol LXXXI.III.iii p 145)

*d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra, bħala konsegwenza tagħha.*

30. Gialdarba, b'ammissjoni tal-konvenut stess, jirriżulta illi l-vettura reġgħet tinsab fil-pussess tiegħu, wara illi reġa' akkwistaha mingħand Vincent Cucciardi, din il-Qorti tqis illi l-ġudizzju huwa integru in kwantu ġie mħarrek il-konvenut biss, u li Vincent Cucciardi mhux interessat fil-kawża odjerna;

31. Konsegwentement, din il-Qorti **<u>tiċħad</u>** ukoll it-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.

**(c) <u>Mertu tal-Kawża</u>**

32. Hekk kif ġia ġie espost aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti hija sodisfatta illi l-vettura ġiet akkwistata mill-konvenut mingħand ir-rikorrent;

33. Din il-Qorti rat illi ġie sodisfaċentement pruvat illi t-trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-vettura minn fuq ir-rikorrenti għal fuq il-konvenut baqa' ma sarx, u dan kif jirriżulta:

    (a) Mill-messaġġi tal-konvenut stess, illi jixhdu illi l-vettura nxtrat mill-konvenut, u l-insistenza tar-rikorrent sabiex isir it-trasferiment relattiv[15];

    (b) Mill-Avviż ta' Kontravvenzjoni numru 011-18248-2, illi nħareġ fil-konfront tar-rikorrent minkejja illi l-vettura kienet ġiet akkwistata mill-konvenut[16];

    (c) Mir-rapport esebit minn **PC 1357 Brandon Gilford** fejn, wara indaġini illi għamlet il-Pulizija dwar il-vettura mertu tal-kawża odjerna

[15] A fol 11 *et seq* tal-proċess
[16] **Dok D** a fol 9 tal-proċess

f'Settembru 2022, irriżultalha illi l-vettura kienet reġistrata f'isem ir-rikorrent[17];

(d) Mix-xhieda ta' **Dr Christopher Spiteri**, rappreżentant tal-Awtorita' tat-Trasport, illi stqarr illi l-vettura, sa Novembru 2022, kienet għadha reġistrata f'isem ir-rikorrent;

34. Għal kull buon fini, il-Qorti tiddikjara illi rat ukoll illi ma nġabet l-ebda prova da parti tal-konvenut illi t-trasferiment kien sar;

35. Din il-Qorti semgħet lill-konvenut jixhed illi kellu l-intenzjoni illi jiscrappja l-vettura, u rat illi, fir-rikors tat-tlieta (3) t'April 2023 ir-rikorrent qal illi huwa ma kellu l-ebda interess illi l-vettura terġa' lura fil-pussess tiegħu, u li sa fejn huwa konċernat hu tista' tiġi distrutta; madanakollu, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi, skont ir-rapport immarkat **Dok BG2**, il-vettura in kwestjoni ġiet elevata mill-Pulizija wara illi nstabet fil-pussess ta' terza persuna, u għalhekk din il-Qorti ma tistax b'kuxjenza trankwilla tordna illi l-vettura tiġi *scrapped*. Dan b'mod partikolari jekk l-istess vettura tifforma l-mertu ta' kawżi u proċeduri ġudizzjarji quddiem Qrati oħra;

36. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tordna illi jiġi reġistrat it-trasferiment tal-vettura minn isem ir-rikorrent għal isem il-konvenut, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni ulterjuri wara illi jsir it-trasferiment tkun responsabbilta' tal-konvenut.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** rikorrenti u tiddikjara illi l-konvenut aċċetta u ħa r-responsabbilita' tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF 391 tat-tip Mazda 6 Estate mingħand ir-rikorrent;

[17] **Dok BG2** a fol 58-59 tal-proċess

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** rikorrenti u tiddikjara illi l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligazzjoni assunta minnu li jirreġistra t-trasferiment u/jew *scrapping* tal-istess vettura mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** rikorrenti u tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza huwa jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECF 291 tat-tip Mazda 6 Estate f'ismu;

(iv) **<u>Tilqa' r-raba' talba</u>** rikorrenti u taħtar lill-Av. Dr Josette Grech bħala kuratriċi sabiex, kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jaddivjenti għat-trasferiment tal-vettura imsemmija fit-terminu prefiss minn din il-Qorti, il-kuratriċi tkun ordnata sabiex tagħmel l-istess trasferiment f'isem il-konvenut;

(v) **<u>Tordna</u>** komunika ta' din is-sentenza lill-Awtorita' Transport Malta sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenut.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**